# 46. Is-Saltna tal-Art

Tidħol għaliha minn bieb dejjaq bosta,
il-purtinar jissejjaħ id-deffien;
u meta tidħol bit-tikħil jibbattma
tal-bieb is-seba’ xorok sew flimkien.

Tkun mimdud fl-art u tiġi ġliba kbira
ta’ dud qerried jiżfen il-kuntradanza,
u qalb iż-żfin u l-qbiż tas-saltna l-ġdida
tieħu minn għandhom iċ-ċittadinanza:

Issir biċċa ħamrija u biċċa blata,
tal-għeruq tawwalin issir is-sieħeb,
u tħaddar fil-ħaxix, fis-sħab iżżewwaq,
tiżfen flimkien mal-art madwar il-kwiekeb.